MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-13 ta' Marzu, 2012

Numru. 737/2008

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR STEPHEN MALLIA**

**KONTRA**

**JOSEPH FENECH ta' 55 sena, iben il-mejjet Anthony u Liberata nee' Bonavia, imwieled Marsascala nhar il-31 ta' Mejju, 1956, residenti fil-fond numru 6, Micado, Triq il-Figel, Zabbar, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 389956M;**
**OMISSIS;**
**OMISSIS**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **Joseph Fenech** li gie akkuzat talli:

1. Nhar it-13 ta' Gunju, 2006, u fil-jiem u xhur ta' qabel, b'diversi nhawi f'dawn il-Gzejjer, sabiex jikseb xi vantagg ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz billi wahhal sett pjanci tar-registrazzjoni foloz bin-numru CBG039 fuq vettura differenti minn dik li ghaliha kienu jappartjenu l-istess pjanci tar-registrazzjoni, u cioe' billi wahhal l-istess pjanci fuq vettura tal-marka ERF EC10 (numru tar-registrazzjoni tal-Ingilterra originali N118 DKR);

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat, billi wahhal sett pjanci tar-registrazzjoni foloz bin-numru CBG 039 fuq vettura differenti minn dik li ghaliha kienu jappartjenu l-istess pjanci tar-registrazzjoni, u cioe' billi wahhal l-istess pjanci fuq vettura tal-marka ERF EC10 (numru tar-registrazzjoni tal-Ingilterra originali N118 DKR);

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, minghajr l-approvazzjoni bil-miktub tal-Kummissarju tal-Pulizija, b'xi mod li jkun, baghbas, nehha, biddel, jew ghamel numru ta' l-identifikazzjoni ta' chassis jew magna ta', jew fuq vettura tal-mutur, u cioe' billi stampa numru tax-chassis falza jaqra SAF40C2TR00063390MP fuq vettura tal-marka ERF EC10 bin-numru tax-chassis originali jaqra SAF31C4RTOSO83356, u bin-numru tar-registrazzjoni tal-Ingilterra jaqra N118 DKR;

4. U aktar talli fuq talba tad-Direttur tal-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta, talli fit-13 ta' Gunju, 2006, u fil-jiem u xhur ta' wara, f'diversi nhawi f'dawn il-Gzejjer, bil-komplicita' u/jew bil-kooperazzjoni ta' xulxin, bil-hsieb li jevadi t-taxxa dovuta jew li tista' ssir dovuta, naqas illi jaghti xi avviz minn dawk li jista' jinhtieg li jaghti skond l-Artikolu 4 jew l-Artikolu 10(1) ta' l-Att dwar Taxxa tar-Registrazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur, Kapitolu 368 tal-Ligijiet ta' Malta, jew jaghti f'avviz bhal dak jew fi stqarrija li jaghmel mill-Awtorita' ghall-ghanijiet ta' dan l-Att, taghrif li jkun jaf li ma kienx korrett jew shih f'xi dettall materjali, xjentement bil-qerq, importa jew dahhal, jew kellu b'xi

mod x'jaqsam f'li tigi mpurtata jew imdahhla f'dawn il-Gzejjer, vettura ta' l-ghamla Tipper Truck tal-marka ERF EC10, bin-numru tax-chassis originali li jaqra SAF31C4RTOSO83356 u bin-numru tar-registrazzjoni tal-Ingilterra li jaqra N118 DKR, liema taxxa dovuta kienet tammonta ghal €7,430 flimkien ma' 18% VAT li tammonta ghal €1,337.40;

5. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, u anke fit-12 ta' Mejju, 2008 u fil-jiem u xhur ta' qabel, f'diversi nhawi f'dawn il-Gzejjer, saq vettura tal-ghamla ERF EC10 (bin-numru tax-chassis originali jaqra SAF31C4RTOSO83356, u numru tar-registrazzjoni originali tal-Ingilterra jaqra N118 DKR, minghajr il-licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija jew ta' l-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta, jew saq l-istess vettura minghajr ma kellu licenzja specifikata biex isuq l-imsemmija vettura, u b'hekk ma kienx kopert b'polza ta' assigurazzjoni ghar-riskji ta' terzi persuni.

Rat li fi stadju ta' interrogatorju, l-imputat wiegeb li ma kienx hati ta' l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu, kif ukoll li hu ma kellu ebda oggezzjoni ghal-proceduri sommarji. Rat ukoll f'dan ir-rigwad illi l-Avukat Generali baghat il-kunsens ghal-proceduri sommarji.

Semghet ix-xhieda kollha.

Rat l-atti kollha tal-kawza. Ghalhekk il-Qorti ser tghaddi biex tiddetermina l-kawza biex taghmel succint tax-xhieda hawn prodotta.

Ghalhekk xehed l-Ispettur Stephen Malilia li qal li kien baghat ghall-imputat fir-rigward ta' truck CBG 039. Iddeskriva dan bhala truck abjad bil-kaxxa. Qal li meta saret spezzjoni ta' dan it-truck, irrizulta li kien mudell iktar modern minn dak li fil-fatt kien jidher fuq il-log book tieghu. Qal ukoll illi meta ccekkjaw ix-chassis number tieghu li kien wara r-rota tal-lemin taht il-kabina, irrizulta li dan kien suspettuz. Qal ukoll li dawn l-ittri fuq ix-chassis kienu jispiccaw bl-ittri MP, indikattiv dan li dan it-truck kellu n-

numru stampat mill-pulizija Maltija lura fis-sena 1999. Xehed li rrizulta li dak it-truck kien gie mpurtat minn certu Saviour Bonanno mill-Manikata. Qal illi l-pulizija kellhom record tan-numri li kienu jistampaw. Qal illi minhabba li kien hemm indikat ukoll il-lokazzjoni fejn gie stampat dan in-numru fis-sena 1999, skond ir-records tal-pulizija, fejn fil-fatt dan gie stampat fuq in-numru originali tax-chassis li kellu, allura, skondtu suppost li kellhom jirrizultaw zewg sekwenzi ta' numri. Xehed pero li fuq it-truck irrizultalhom numru wiehed. Qal ukoll illi x-chassis number ta' dan it-truck kien stampat fi spazzju limitat. Qal li fejn kien stampat kien anke maqtugh bl-acitilena, dan kollu skondtu, dejjem mill-investigazzjoni tieghu. Ma kienx jidher mir-records originali.

Esebixxa sett ritratti, Dok SM, li juru dan it-truck, mehuda minn PC320. Esebixxa wkoll il-VIN plate li qal li x-chassis number taghha jaqbel mall-log book ta' l-Ingilterra, Dok SM1. Esebixxa wkoll log book ta' l-Ingilterra tat-trakk bin-numru ta' registrazzjoni N118 DKR, Dok SM2. Esebixxa wkoll invoice datata 13 ta' Gunju bin-numru 2860 mahruga lil Charles Garage kif prodotta minn John Magro fl-investigzzjoni, Dok SM3. Esebixxa wkoll log book mahrug mill-ADT fuq isem l-imputat tat-trakk bin-numru CBG-039, Dok SM4. Ezebixxa kopja ta' l-invoice 00611 datata 30.09.2006 mahruga mill-ahwa Magro lill-imputat, Dok SM 5; kif ukoll l-istqarrijiet ta' l-imputati kollha - dan stante li s'issa kien ghadu ma sarx is-separazzjoni tal-gudizzju. Ezebixxa wkoll formalment il-vettura tal-marka ERF mudell EC10, trakk bil-kaxxa, bin-numru ta' registrazzjoni CBG 093, dan bhala Dok SM12.

Xehed PS Stephen Pace. Qal illi fuq informazzjoni kunfidenzjali fuq trakk ERF li kien jappartjeni lill-imputat li kellu xi problemi fuq ix-chassis u anke kif iddahhal Malta. Dan, cioe' t-truck, gie spezzjonat mit-technical unit, cioe' l-ECS. Hu kien involut fis-sekwestru tat-trakk u tellghuh St. Andrews. Hemm iccekkjaw ix-chassis number tieghu u l-forma ta' l-istess ghax skondtu wkoll kellu numru iehor tal-pulizija stampat qabel. Qal ukoll li dan in-numru ma kienx fl-istess lokazzjoni fejn kien stampat, u anke li ma kienx jaqbel ma' dak li kienu juzaw il-pulizija.

Spjega in kontro ezami li t-trakk kellu numru ppancjat diga' mill-pulizija, allura bl-ittri MP. Qal li f'kull tarf tax-chassis huma kienu jaghmlu MP, cioe' Malta Police, go cirku tond. Qal li x-chassis number skondtu alllura alterat, rah b'ghajnejh.

Brian Farrugia, in rapprezentanza ta' dik li kienet l-ADT, xehed illi huma kienu gew infurmati mill-pulizija, anzi mill-Ufficjal Prosekutur, fuq tipper truck bin-numru ta' registrazzjoni CBG 039, b'ittra miktuba fl-10 ta' Gunju, 2008 fejn infurmaw lill-istess ADT li fit-12 ta' Mejju, 2008 kienu qabdu din il-vettura peress li fuqha sabu chassis number li kien intmiss. Qal li dan it-truck kien gie mpurtat minn John u Emmanuel Magro, second hand, fis-sena 2006. Dan gie sussegwentemnet mibjugh lil Joseph Fenech. Xehed illi l-vettura CBG 039 kienet ta' l-ghamla ERF u kellha x-chassis number originali CAF40C2PR00063390MP, u li huwa truck tal-mudell tas-sena 1989. Kompla li dan it-truck kien ukoll registrat fuq Salvu Bonanno mill-Manikata, bil-karta ta' l-identita' 885054M. Dak iz-zmien kien garaxxjat. Qal illi huma gew infurmati mill-pulizija li sabu dan ix-chassis number fuq mudell aktar ricenti, allura mhux tas-sena 1989, allura li suppost kellu n-numru N118 DKR, u suppost kellu x-chassis number SAN31CARTOF83356. Xehed li huma hargu letter to prosecute stante li ghalihom kien jirrizulta li kien hemm zewg trakkijiet differenti. Xehed illi ghalhekk kellhom ix-chassis number mibdul. Qal li skondthom kien hemm ghalhekk ksur tat-taxxa ta' registrazzjoni li fis-sena 2006 kienet tammonta ghal €7,43, flimkien ma 18% VAT li allura kienet tammonta ghal €1337.40, dan bi ksur tal-Kapitolu 368 tal-Ligijiet ta' Malta.

Kompla jixhed li mir-ricerki li saru minn naha taghhom, huma qatt ma gew infurmati bl-importazzjoni tat-truck mill-Ingilterra bin-numru N118 DKR. Qal li qatt ma giet avzata l-ADT b'din l-importazzjoni.

Qal dwar il-vettura CBG 039 li din giet mixtrija minghand John Magro. Qal li l-ADT kienet mgharrfa li sar bdil fil-

magna. Qal ukoll li din il-vettura kienet ilha registrata fuq l-imputat Joseph Fenech mill-25 ta' Ottubru, 2006.

Dwar truck li jigi mpurtat minn pajjiz ta' l-Unjoni Ewropea, f'dan il-kaz l-Ingilterra, qal li kien hemm obbligu li l-importatur jinforma lill-ADT fi zmien hamest ijiem, cioe' jinforma lill-ADT x'kien ser jaghmel bit-truck, jekk hux ser jerga' johrog l-istess minn Malta, jew jirregistrah. Qal li jekk ikun ser jigi registrat, allura l-plates barranin jghaddu ghand l-ADT, il-vettura tintbaghat ghall-inspection biex jigi stabbilit il-valur, u fuq l-istess jigi stabbilit l-ammont dovut.

Xehed dwar din il-vettura li meta nbidlet il-magna kienet saret discrepancy form, jigifieri l-vettura tkun ittiehdet ghand tal-VRT biex jarawlu li d-dettalji tal-magna jaqblu. Qal li dan sar fl-24 ta' Ottubru, 2008, fejn dik il-gurnata gie registrat kemm il-bdil tal-magna kif ukoll it-trasferiment fuq l-istess Joseph Fenech. Dan sar ghand VRT Station, Vella Investment Ltd ta' Hal-Farrug Road, fejn gie certifikat li din il-vettura kienet ERF tipper, EC10 bix-chassis number SAF40C2TR00063390MP. Xehed ukoll illi n-numru tal-magna kien 23557469.

Xehed ukoll l-Ispettur Stephen Mallia li esebixxa erba' settijiet ta' punching tools tal-pulizija animo ritirandi, DOK SM1.

Minn naha tieghu l-Maggur Noel Scicluna xehed illi hu kien stazzjonat ma' l-Iskwadra ta' l-Stolen Vehicles mis-sena 1994. Kien il-Maggur responsabbli ghall-punching, mill-inspections u filing ta' SVS. Spjega dwar it-truck ERF CBG039 li dan kienu baghtu ghalih St Andrew's ghal inpection, u li hemm kien tellghu Joseph Fenech, cioe' l-imputat. Qal illi ccekjaw ix-chassis number tieghu u n-numru tal-magna. Qal illi wara l-inspection Joseph Fenech kien hadha bi kbira hafna u baqa' jinsisti li t-truck ma kellu xejn. Qal illi ttiehdulu r-ritratti u baqa' gewwa St' Andrews. Ikkonferma r-ritratti gia' esebiti a folio 34 et seq. Ikkonferma li dawn ir-ritratti ttiehdu fil-presenza ta' l-imputat. Ikkonferma li l-punches wara s-sena 1993 kienu inbidlu, u anke li kienu fl-antik bl-emblema specjali tal-pulizija. Minn naha tieghu PC 320 Christopher Parnis

ikkonferma li hu kien ha ritratti tat-truck de quo. Ikkonferma ukoll li dan kollu kien sar quddiem l-imputat, u li dan anke kien gie moghti d-debita twissija.

Ghandu wkoll jinghad, qabel il-Qorti tkompli bis-succint tax-xhieda saljenti mismugha, illi kien f’dan l-istadju li saret is-separazzjoi tal-gudizzzju stante li l-ko-imputati Magro ammettew l-akkuzi migjuba kontra taghhom, ghalhekk il-provi li komplew jinstemghu u ngabu biss fil-konfront ta’ l-imputat Joseph Fenech.

Salvu Bonanno xehed illi hu kien igib trukkijiet mill-Ingilterra, tant li fis-sena 1999 xehed illi kien importa truck ERF. Qal illi dan it-truck kien jissejjah tractor unit ghaliex jigbed it-trailor warajh, u li kellu x-chassis number imsaddad. Qal illi l-procedura dak iz-zmien kienet li ssir applikazzjoni u din issir mill-pulizija. Ikkonferma li dan l-istampar kien fil-fatt sar mill-pulizija. Qal illi hu kien biegh il-magna tieghu u wara kien biegh il-kumplament lil John Magro. Zied illi lil Magro kien bieghlu x-chassis bir-roti u l-kabina. Muri r-ritratti esebiti qal illi ma kienx l-istess truck ghaliex il-kabina ta’ l-iehor kienet ikbar.

Xehed ukoll PS 565 Raymond Bonnici ukoll dwar l-inspection li kien ghamel fuq it-truck in kwistjoni. Ftakar illi kellu diskrepanza fuq ix-chassis number. Meta gie muri Dok SM2, ikkonferma li hu kien ra chassis number fuq it-truck u ra wkoll MP tal-pulizija. Qal illi dawn dak iz-zmien kienu komuni hafna tant illi stajt tmur tixtri dawn il-forom minghand taz-zebgha.

Joseph Mula xehed in rappresentanza ta’ l-Elmo Insurance fil-konfront tal-vettura CBG039, qal illi din kienet ERF tal-kulur abjad u li kellha x-chassis bin-numru SAF4002TROOO63390. Zied illi l-polza third party kienet tghajjat lil Joseph Fenech.

L-Inginier Carmel Tonna xehed dwar ic-certifikat minnu rilaxxat u ezebit mill-Ufficjal Prosekutur, Dok SM2 a folio 112 u 113. Qal illi kien hareg dan ic-certifikat fil-konfront ta’ ziemel u trakk, ghaliex kienu ghamlulu kaxxa gdida. Ftakar illi meta mar jaghmel l-ispezzjoni ta’ din il-vettura

kien mar go garaxx u hemm sab lil Emmanuel Magro. Qal illi hu d-dettalji kien hadhom mill-log book, kif ukoll illi hu kien qabbel ix-chassis u l-engine number mall-log book. Tax-xoghol kien hallsu Magro. Ikkonferma li l-ispezzjoni saret ghax kien gie mtawwal ic-chassis tat-truck, qal pero li dan ix-xoghol ma kienx imiss ix-chassis number. Dwar is-sena ta' manifattura tat-truck li hu nizzel fic-certifikat, cioe' s-sena 1989, xehed illi dawn id-dettalji hu kien hadhom minn fuq il-log book ta' l-ADT, cioe' Dok SM4 u mhux minn fuq dak Ingliz ezebit bhala Dok SM2.

Xehed ukoll illi xi zmien wara li kien ghamel din l-ispezzjoni, kien gie avvicinat minn Joseph Fenech minhabba l-fatt illi kien xtara truck li ghal xi raguni kienet inqalaghtlu l-kaxxa. Ikkonferma ghalhekk illi hu ra l-kaxxa immuntata ghand Magro u raha maqlugha ghand Fenech. Qal ukoll pero li mbaghad ghand Fenech kien ra l-kaxxa mmuntata wkoll.

Xehed ukoll John Magro, darba ko-imputat li ammetta fi stadju bikri u nghata sentenza. Qal illi Fenech talbu jgiblu truck minghajr registrazzjoni, qallu iva u rrangaw. Qal illi kien qallu li riedu bla registrazzjoni ghaliex din kienet gholja. Qal illi gabu mill-Ingilterra bil-log book, pero li l-log book baqa' ghandu ghax ma rregistrahx. Spjega li dan seta' jaghmlu minhabba fi kliemu l-Ewropa, fejn allura llum ma jigi (ab intio) registrat xejn, fi kliemu jaraw ix-xoghol u taqbad u tohrog mix-xatt. Qal ukoll illi dan hu gabu nofsu zarmat biex ma jkunx jidher shih. Hallas tieghu cirka 5,000 Sterlina. Qal illi wara ramawh u tawh lil Joseph Fenech. Ikkonferma l-ircevuta esebita bhala Dok SM5 a folio 40, li kienet allura l-prezz tat-truck. Qal illi pero mbaghad eventwalment bieghlu t-truck. Ikkonferma li hu kien zamm xi parts li gab mill-Ingilterra, kif ukoll il-log book Ingliz tat-truck. Xehed ukoll illi hu kellu l-log book ta' truck ERF antik li kien xtara minghand Salvu Bonnano. Muri r-ritratti esebiti gharaf dan it-truck, cioe' bhala dak li kien gab hu u biegh lil Fenech. Qal illi kien Fenech li kompla jarma t-truck, xehed ukoll illi wara li lesta, dan ghamlulu x-chassis number li kien ha minn fuq it-truck antik li kellu qabel. Dan ix-xoghol ghamlu gol-garaxx tieghu u ta' huh. Xehed illi kienu hu u huh biss li ghamlu dan. Ikkonferma li wara

dan ix-xoghol lil Fenech kienu wrewh ix-chassis number il-gdid kif ittimbrawh. Ikkonferma rega' li dak in-numru kien li gab minn fuq it-truck l-iehor li kellhom. Ikkonferma wkoll l-esebit Dok SM1 bhala l-pjanca li kellu l-gdid u li qalaghlu minn mall-kabina. Qal li tax-xoghol tal-bdil tax-chassis number lil Fenech ma zammewlu xejn.

Xehed ukoll huh Emmanuel Magro dwar il-fatt li kienu gabu truck lil Fenech mill-Ingilterra u li kienu baghtu ghalihom l-pulizija ghax dan kellu n-numri ppancjati. Qal li dan it-truck huma ma rregistrawhx ma' L-ADT, u li ppancjawlu numru iehor, cioe' hu u huh. Qal illi kien Fenech li ried jiffranka r-registration. Ammetta ukoll li taw it-truck lil Fenech bin-numri godda ppancjati, kif ukoll li taw lil Fenech il-log book tat-truck l-antik, fil-waqt illi huma zammew il-log book l-Ingliz.

Maghluqa l-provi tal-Prosekuzzjoni din il-Qorti ghaddiet anke biex tisma' habib psikjatra kuranti ta' l-imputat. Xehed dan dwar id-diffikultajiet li kien ghaddej minnhom l-imputat minhabba dan il-process gudizzjarju u l-vettura nnifisha.

Ikkonsidrat:

Illi d-Difiza fit-trattazzjoni taghha ghamlet ampja referenza ghall-akkuzi kif gew prodotti kontra l-imputat Fenech. Ghandha ragun fejn premettiet li din hija kawza li giet reza sommarja bil-kunsens ta' l-Avukat Generali, u aktar bil-kunsens ta' l-istess imputat ghal tali sommarjeta', vide ghaldaqshekk l-interrogatorju ta' l-istess Fenech a folio 13. Illi fil-verita' Fenech gie addebitat bhala principal fl-ewwel tlett akkuzi. Fil-fatt jirrizulta ben car illi ghalkemm huwa kien il-percimes ta' dan kollu ghax ma riedx ihallas ir-registrazzjoni fuq il-vettura, huwa qatt ma biddel ebda numru ta' chassis fuq il-vettura, biss gieghel lil haddiehor jaghmel hekk. Lanqas kien hu li wehhel pjanci foloz, jekk kien dan ma jirrizultax. Kien hu pero li ghamel dikjarazzjonijiet foloz ma' l-insurance cioe' ma' l-Elmo, pero tali akkuza ma gietx lilu addebitata b'mod car u spoecifiku biex jirrispondi ghaliha. Illi ghalhekk, in kwantu l-kriminal huwa interpretat b'mod restrittiv dejjem a favur l-

imputat, hija tal-fehma ta' din il-Qorti li m'ghandhiex issib lill-istess Fenech hati ta' komplicita' fl-ewwel tliet akkuzi, stante li tali komplicita' ma gietx addebitata lilu. Ghalhekk qieghda tilliberah mill-istess.

Fir-rigward tar-raba' akkuza, certament din il-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjonijiet tad-Difiza fit-trattazzjoni taghha. Il-Kapitolu 368 fit-tieni Artikolu tieghu jaghti definizzjoni cara ta' dik li hija l-Awtorita' taht l-istess Att, li ghalhekk tfisser Awtorita' tat-Trasport Malta, gia' ADT. L-Artikolu 22 ta' l-istess Kapitolu jghid illi l-ebda prosekuzzjoni ghal xi reat li jsir kontra l-Att innifsu ma jista' jinbeda jekk dan ma jsirx mill-awtorita' jew bl-approvazzjoni taghha. Brian Farrugia xehed f'isem l-Awtorita' u kien car illi l-istess talbet lill-Kummissarju tal-Pulizija biex tinbeda tali azzjoni. Xehed fil-fatt illi l-istess Awtorita' baghtet letter to prosecute lill-istess Kummissarju. Anke l-istess Spettur Mallia xehed dwar il-fatt illi l- Kummissarju tal-Pulizija kien ircieva minghand l-Awtorita' tali 'letter to prosecute' fil-kawza odjerna, a folio 25. Ghalkemm fil-verita' tali ittra qatt ma giet esebita, din il-Qorti hija sodisfatta kemm mix-xhieda ta' l-Ispettur kif ukoll tas-Sur Brian Farrugia, ghall-istess Awtorita', illi l-Awtorita' kienet talbet lill-Kummissarju biex jittiehdu tali proceduri, ghalkemm idealment il-Prosekuzzjoni messa esebiet tali ittra jew giet esebita kopja taghha mill-ADT. Del resto pero l-Ligi fid-dicitura taghha titlob biss l-approvazzjoni ta' l-Awtorita', allura ghall-grazzja ta' l-argument anke wahda verbali tissodisfa tali vot. Mhix fil-fehma ta' din il-Qorti neccessarja l-formalita' ta' l-esebizzjoni tal- "letter to prosecute" biex titmexxa l-kawza.

Illi kontrarjament ghal dak illi ssottomettiet id-Difiza, din il-Qorti ma tistax issib htija fuq il-hames akkuza, in kwantu minn imkien ma tirrizulta prova tas-sewqan.

Ghalqastant, qieghda tillibera lil Joseph Fenech mill-ewwel tliet akkuzi, kif ukoll mill-hames akkuza, pero ssibu hati tar-raba' akkuza wara li rat l-Artikoli 2, 22, 21 tal-Kapitolu 368 tal-ligijiet ta' Malta.

Dwar il-piena, qieset illi fil-verita' kien Fenech li nstiga dan kollu biex ma jhallasx it-taxxa tar-registrazzjoni fuq il-vettura importata, tant li anke spicca nvolva tnejn minn nies ohra f'dan it-tranell, ghaldaqstant tqis illi ghalkemm m'ghandux ibaghti piena ta' prigunerija, ghandu pero jigi kkundannat ihallas il-multa tas-somma dovuta bhala taxxa ta' registrazzjoni fid-doppju taghha u dan skond l-Artikolu 21 tal-Kapitolu 368 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' ghas-somma ta' €14,860.

Rat ukoll l-Artikolu 21 tal-Kapitolu 368 tal-Ligijiet ta' Malta, u tordna l-konfiska tal-vettura gia' esebita formalment bhala dok SM12.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------